BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 04/2011**

**April 2011**

## Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet bi EUR11.1 miljun, jew 0.1%, f'April, għal EUR9.4 biljuni (ara Tabella 1). Sena fuq sena r-rata tat-tkabbir naqset minn 4.8% f'Marzu għal 2.5%.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) kiber b'EUR45.3 miljun f'April, wara żieda ta' EUR35.0 miljun fid-depożiti *overnight.* Ir-rata annwali ta' tkabbir tal-M1, li kienet għoliet f'salt għal 17.0% f'Marzu, niżlet lura għal 13.2%.

Il-komponent monetarju intermedju (M2) kiber bi EUR11.8 miljun jew 0.1%. Fl-M2, iż-żieda fil-komponent tal-M1 ġiet mtaffija bi tnaqqis ta' EUR30.5 miljun fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Sena fuq sena r-rata tat-tkabbir fl-M2 waqgħet għal 2.6% minn 4.7% f'Marzu.

Rigward il-kontropartijiet tal-M3, is-self ċkien bi EUR63.2 miljun, jew 0.4% matul ix-xahar kopert. Dan kien ġej kollu kemm hu minn tnaqqis sinifikanti fis-self lil residenti barra l-gvern ġenerali, partikolarment self lil intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u li huma residenti fl-iStati Membri taż-żona tal-euro barra Malta. Għall-kuntrarju, is-self lill-gvern ġenerali kiber ftit. Ir-rata annwali tat-tkabbir totali fis-self kompliet bix-xejra tagħha 'l isfel biex waqgħet għal 4.3% minn 5.6% f'Marzu.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, għoliet b'EUR253.9 miljun, jew 3.5% f'April. Dan kien dovut għal żieda fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro, b'mod partikolari fl-ammont ta' depożiti miżmuma ma' IFM barranin.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 telgħu b'EUR179.6 miljun, jew 1.4% f'April. Din iż-żieda seħħet l-iktar minħabba tkabbir f'obbligazzjonijiet oħra (netti). Dan ġara minħabba li kiber is-self minn banek barranin, li kien akbar miż-żieda fid-depożiti fissi miżmuma ma' banek f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro.

## Depożiti miżmuma minn u self mogħti lil residenti Maltin

Id-depożiti miżmuma minn residenti ta' Malta ma' IFM Maltin żdiedu bi EUR11.9 miljun, jew 0.1%, matul ix-xahar kopert. Dan kien ġej kollu kemm hu minn żieda fid-

depożiti *overnight* li kienet parzjalment megħluba minn tnaqqis fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Ir-rata annwali tat-tkabbir tad-depożiti tar-residenti ta' Malta niżlet bin-nofs għal 2.2% minn 4.4% f'Marzu.

F'April, id-depożiti *overnight* żdiedu b'EUR41.1 miljun jew 0.9%. Dan ġara l-iktar minħabba żieda fid-depożiti miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji u individwi. Kuntrarju għal dan, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas naqsu b'EUR26.2 miljun, jew 0.7%, l-aktar minħabba li naqsu l-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.

Sadanittant, is-self lil residenti ta' Malta (inkluż il-gvern) minn IFM residenti ċkien b'EUR20.0 miljun, jew 0.2%, minħabba tnaqqis kemm fis-self lill-gvern ġenerali u kif ukoll fis-self lil residenti oħra. Fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir fis-self battiet għal 3.8% minn 4.3% xahar qabel.

Is-self lill-gvern ġenerali Malti niżel b'EUR9.2 miljuni, jew 0.4% wara tnaqqis fil-*bills* tat-Teżor miżmuma mill-banek li kien akbar miż-żieda fl-ammont ta' bonds tal-Gvern ta' Malta miżmum minnhom. Ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self battiet għal 4.4% minn 6.3% f'Marzu.

Fl-istess ħin, is-self lil residenti barra l-gvern ġenerali ċkien b'EUR10.8 miljuni, jew 0.1%. Dan ġara l-iktar minħabba li naqas is-self lil kumpaniji privati mhux finanzjarji, b'mod partikolari lis-setturi tal-kostruzzjoni u tat-trasport u l-ħażna. Dan it-tnaqqis għeleb iż-żieda fis-self li kien hemm lil individwi għax-xiri tal-proprjetà. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tas-self lil residenti oħra battiet ftit minn 3.8% f'Marzu għal 3.7% f'April.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

F'April, l-assi barranin netti tal-IFM Maltin kibru b'EUR65.9 miljun, jew 0.6% (ara Tabella 2).[1] Dan it-tkabbir irrifletta żieda sostanzjali fl-assi barranin tal-banek li kienet akbar miż-żieda fl-obbligazzjonijiet barranin tagħhom. Matul is-sena s'April, l-assi barranin netti għolew b'10.1%.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti**

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 ma nbidlitx u baqgħet 1.12% f'April, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self naqset għal 4.77% minn 4.79% f'Marzu. Mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 naqset b'10 punti bażi, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self għoliet bi 30 punt bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi netti barranin jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Apr-11 | Mar-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Apr-10 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,223.4** | **5,178.2** | **45.3** | **0.9** | **4,613.2** | **610.2** | **13.2** |
| Flus maħruġa(4) | 672.0 | 661.7 | 10.2 | 1.5 | 644.0 | 28.0 | 4.3 |
| Depożiti *overnight* (5) | 4,551.4 | 4,516.4 | 35.0 | 0.8 | 3,969.2 | 582.3 | 14.7 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,138.6** | **9,126.8** | **11.8** | **0.1** | **8,908.3** | **230.3** | **2.6** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,223.4 | 5,178.2 | 45.3 | 0.9 | 4,613.2 | 610.2 | 13.2 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 129.1 | 132.0 | -3.0 | -2.2 | 110.7 | 18.4 | 16.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 3,786.1 | 3,816.6 | -30.5 | -0.8 | 4,184.5 | -398.3 | -9.5 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **9,351.2** | **9,340.1** | **11.1** | **0.1** | **9,119.5** | **231.7** | **2.5** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,138.6 | 9,126.8 | 11.8 | 0.1 | 8,908.3 | 230.3 | 2.6 |
| Self kontra titoli | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(6) | 212.6 | 213.3 | -0.7 | -0.3 | 211.2 | 1.4 | 0.7 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **14,556.1** | **14,619.3** | **-63.2** | **-0.4** | **13,954.9** | **601.3** | **4.3** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,094.7 | 4,090.8 | 3.9 | 0.1 | 3,514.8 | 579.9 | 16.5 |
| Self lil setturi oħra | 10,461.5 | 10,528.6 | -67.1 | -0.6 | 10,440.1 | 21.4 | 0.2 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **7,553.8** | **7,299.9** | **253.9** | **3.5** | **7,687.6** | **-133.8** | **-1.7** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 28,435.8 | 27,791.3 | 644.5 | 2.3 | 29,456.7 | -1,020.9 | -3.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 20,882.0 | 20,491.4 | 390.6 | 1.9 | 21,769.1 | -887.1 | -4.1 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **12,758.7** | **12,579.1** | **179.6** | **1.4** | **12,522.9** | **235.8** | **1.9** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 705.5 | 684.0 | 21.5 | 3.1 | 584.1 | 121.4 | 20.8 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,425.8 | 11,413.9 | 11.9 | 0.1 | 10,288.0 | 1,137.8 | 11.1 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 627.4 | 481.2 | 146.2 | 30.4 | 1,650.8 | -1,023.4 | -62.0 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.
(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.
(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.
(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.
(6) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Apr-11 | Mar-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Apr-10 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI** | **8,239.3** | **8,227.4** | **11.9** | **0.1** | **8,060.9** | **178.4** | **2.2** |
| Depożiti *overnight* | 4,418.2 | 4,377.1 | 41.1 | 0.9 | 3,869.9 | 548.3 | 14.2 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[2] | 128.3 | 131.3 | -3.0 | -2.3 | 110.6 | 17.7 | 16.0 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[2] | 3,692.8 | 3,719.0 | -26.2 | -0.7 | 4,080.4 | -387.7 | -9.5 |
| **KONTROPORTAJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,337.9** | **10,357.9** | **-20.0** | **-0.2** | **9,957.7** | **380.2** | **3.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,140.2 | 2,149.3 | -9.2 | -0.4 | 2,049.9 | 90.3 | 4.4 |
| Self lil setturi oħra | 8,197.7 | 8,208.6 | -10.8 | -0.1 | 7,907.8 | 289.9 | 3.7 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,123.3** | **11,057.4** | **65.9** | **0.6** | **10,099.7** | **1,023.6** | **10.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 39,755.5 | 38,985.7 | 769.8 | 2.0 | 40,388.0 | -632.5 | -1.6 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 28,632.2 | 27,928.2 | 704.0 | 2.5 | 30,288.2 | -1,656.0 | -5.5 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.